

Brussell, 6 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7020/26

ENV 195  
CLIMA 108  
ENER 109  
TRANS 125  
IND 168  
COMPET 285  
MI 216  
ECOFIN 292  
DELECT 45

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5298/26 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tat-13.1.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

---

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq<sup>1</sup> lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030<sup>2</sup>.
2. Il-Kummissjoni nnotifikat dan ir-Regolament Delegat fit-13 ta' Jannar 2026, u għaldaqstant, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sas-16 ta' Marzu 2026.

---

<sup>1</sup> ST 5298/26 + ADD 1.

<sup>2</sup> ĠU L 156, 19.6.2018, pp. 1-25.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) eżamina l-att delegat fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Marzu 2026. Id-diskussjonijiet fil-laqgħa tad-WPE wrew li ma kienx meħtieġ li ssir oġġezzjoni għal dan ir-Regolament Delegat u lanqas li jiġi estiż il-perjodu ta' eżami.
  4. Wara li jagħlaq il-perjodu ta' xahrejn għall-oġġezzjoni, u dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, ir-Regolament Delegat ser jiġi nnotifikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni u jidħol fis-seħħ meta ssir tali notifika.
  5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-intenzjoni tiegħu li ma jqajjimx oġġezzjoni għall-att delegat, u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan.
-